

Brussell, 17 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8354/1/18
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0166 (APP)

CADREFIN 36
RESPR 2
POLGEN 50
FIN 342

PROPOSTA

Nru dok. Cion:	COM(2018) 322 final/2
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 322 final/2.

Mehmuż: COM(2018) 322 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.5.2018
COM(2018) 322 final/2

2018/0166 (APP)

CORRIGENDUM

Annule et remplace le document COM(2018) 322 final du 2 mai 2018.
Concerne toutes les versions linguistiques: modification de l'acronyme.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('it-Trattat') jistipula li Regolament tal-Kunsill adottat unanimament għandu jistabbilixxi Qafas Finanzjarju Pluriennali. Huwa *għandu jistabbilixxi l-ammonti tal-limiti massimi annwali ta' approprjazzjonijiet għal impenji skond il-kategorija ta' l-infiq u tal-limitu massimu annwali ta' approprjazzjonijiet għall-pagamenti u jistabbilixxi kwalunkwe dispożizzjoni oħra meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tal-proċedura annwali tal-baġit.*

L-ewwel qafas finanzjarju pluriennali (dak iż-żmien imsejjaħ il-perspettivi finanzjarji) ġie adottat 30 sena ilu flimkien ma' dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni interistituzzjonali u d-dixxiplina baġitarja¹. Dan il-qafas u oħrajn sussegwenti ppermettew it-titjib u l-iffaċilitar tal-proċedura baġitarja annwali u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet filwaqt li, fl-istess ħin, żiedu d-dixxiplina baġitarja u l-prevedibbiltà tal-finanzjament għall-programmi u l-investimenti pluriennali.

Billi naqqax il-qafas finanzjarju pluriennali fil-liġi primarja tal-Unjoni, it-Trattat irrikonoxxa l-importanza tiegħu bħala pedament tal-arkitettura baġitarja tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regolament attwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014 sal-2020 ġie adottat fit-2 ta' Diċembru 2013². Fl-istess data, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni approvaw il-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³. Ir-Regolament tal-QFP ġie rivedut fl-2015⁴ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tiegħu sabiex jindirizza l-ipprogrammar tard tal-fondi b'ġestjoni kondiviża u, għal darba oħra, fl-20 ta' Ġunju 2017⁵, wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu.

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni jiffoka fuq elementi li huma ġodda jew li l-Kummissjoni tipproponi li temenda meta mqabbla mar-Regolament tal-QFP preżenti, kemm għall-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 ("ir-Regolament tal-QFP") kif ukoll għall-abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁶ ("l-abbozz tal-FII").

Dawn il-proposti jistipulaw data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u huma ppreżentati għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, f'konformità man-notifika tar-Renju Unit dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, riċevuta mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

2. BAĠIT ĠDID U MODERN

2.1. Linji gwida politiċi ewlenin

Il-proposta għar-Regolament tal-QFP u l-abbozz tal-FII jsegwu l-prinċipji u l-oġettivi politiċi ewlenin ippreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Baġit modern għal Unjoni li

¹ Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u titjib tal-proċedura baġitarja, iffirmat mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fid-29 ta' Ġunju 1988, (ĠU L 185, 15.7.1988, p.33).

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁴ ĠU L 103, 22.04.2015, p. 1.

⁵ ĠU L 163, 24.06.2017, p. 1.

⁶ COM(2018) 323, 02.05.2018.

tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi: Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021-2027” adottat fit-2 ta’ Mejju 2018⁷ (il-“Komunikazzjoni dwar il-QFP”), b’mod partikolari fir-rigward tat-tul tiegħu, l-istruttura tiegħu li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi, il-ħtieġa għal flessibbiltà akbar, u l-ammonti previsti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali nnifsu.

2.2. L-istruttura tal-QFP u l-livelli massimi tiegħu

L-istruttura tal-“intestaturi” tal-infiq tal-QFP tirrifletti l-proposta għal baġit aktar razzjonalizzat u trasparenti, iffukat fuq prijoritajiet ċari ta’ politika. Id-dettalji tal-istruttura u l-politiki koperti taħt kull intestatura huma deskritti fil-Komunikazzjoni tal-QFP.

L-QFP huwa strutturat b’seba’ intestaturi bi tliet sottolimiti massimi subordinati: dwar il-“Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” fl-intestatura II, dwar l-“Infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti” fl-intestatura III u n-“Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet” fl-intestatura VII (ara t-tabella fl-Anness ta’ dan ir-Regolament).

Sabiex tappoġġa l-prijoritajiet tal-Unjoni fil-kuntest tal-EU 27, u tiegħu kont tal-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi għall-QFP 2021-2027 limitu massimu għall-impenji ta’ EUR 1 134,6 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2018 ekwivalenti għal 1,11 % tal-ING tal-UE u limitu massimu għall-pagamenti korrispondenti ta’ EUR 1 104,8 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2018 ekwivalenti għal 1,08 % tal-ING tal-UE.

Flimkien ma’ din il-proposta, il-Kummissjoni qed tipproponi pakkett leġiżlattiv għar-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, inkluża proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea⁸, inkluża żieda fil-limiti massimi għas-sejthiet annwali għar-riżorsi proprji għall-pagamenti għal 1,29 % tal-ING, u 1,35 % tal-ING f’impenji. Din iż-żieda tirrifletti l-ħtiġijiet ogħla ta’ pagamenti għall-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit u l-iffinanzjar ta’ prijoritajiet ġodda filwaqt li tipprovdi marġni ta’ sikurezza suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista’ – f’kull ċirkostanza – twettaq l-obbligi finanzjarji tagħha.

2.3. Flessibbiltà

Filwaqt li huwa mmirat sabiex jiżgura d-dixxiplina baġitarja, il-qafas finanzjarju jrid, fl-istess waqt, jipprovdi għal livelli adegwati ta’ flessibbiltà sabiex ikun jista’ jkun hemm allokazżjoni effettiva tar-riżorsi u rispons rapidu tal-Unjoni għal ċirkostanzi mhux previsti u għal sitwazzjonijiet ta’ emerġenza.

Fl-ewwel snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020, l-Unjoni kienet ikkonfrontata bi sfidi mhux previsti ta’ skala li qatt ma kienet dehret qabel b’riżultat ta’ instabbiltà fil-viċinat tagħha li wasslet għal theddid għas-sigurtà u ċaqliq migratorju massiv. Sabiex timmobilizza mezzi finanzjarji addizzjonali għal miżuri li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi msemmija hawn fuq, il-flessibbiltà tal-QFP ġiet użata estensivament, b’mod partikolari permezz tal-mobilizzazzjoni ta’ strumenti speċjali stabbiliti bħala parti mir-Regolament tal-QFP. Dan ippermetta lill-Unjoni tiegħu azzjoni deċiżiva, iżda ttestja l-limiti tal-flessibbiltà tal-baġit.

⁷ COM(2018) 321, 02.05.2018.

⁸ COM(2018) 325, 02.05.2018.

Għaldaqstant, il-funzjonament tas-‘sett ta’ għodod’ tal-flessibbiltà għie eżaminat fid-dettall fil-kuntest tar-rieżami / reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-QFP tal-2014-2020⁹ fl-2016 u għie introdott titjib addizzjonali fir-reviżjoni tal-2017 tar-Regolament tal-QFP.

Numru ta’ parametri, bħat-tul tal-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju, in-numru u t-tfassil tal-intestaturi tal-infiq, is-sehem tal-infiq tal-UE preallokat lill-Istati Membri u lir-reġjuni jew predeterminat minn “ammonti ta’ referenza” f’leġislazzjoni kodeċiża, il-marġni disponibbli f’kull intestatura tal-infiq, u l-marġni li jibqa’ bejn il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għandhom impatt fuq il-grad tal-flessibbiltà jew ir-riġidità ta’ qafas finanzjarju. Meta elaborat il-proposti tagħha għall-qafas finanzjarju li jmiss, il-Kummissjoni qieset dawn l-elementi.

Għar-raġunijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-QFP, il-flessibbiltà baġitarja se tkun, aktar minn qatt qabel, prinċipju essenzjali li fuqu jinbena l-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Filwaqt li jibni fuq id-dispożizzjonijiet diġà inklużi fl-QFP 2014-2020, l-enfażi għall-futur jenħtieġ li jkun fuq l-ikkonsolidar, it-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-flessibbiltà, sabiex jinħoloq qafas aktar aġli, filwaqt li tiġi mħarsa l-istabbiltà tal-offerti tal-qafas pluriennali.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li d-dispożizzjonijiet tal-flessibbiltà li ġejjin jiġu inklużi fir-Regolament tal-QFP u fl-abbozz tal-FII:

1. **L-immassimizzar tal-użu tal-limiti massimi tal-infiq permezz ta’ flessibbiltà speċifika u massima bejn l-intestaturi u s-snin:** minbarra li żżomm livell suffiċjenti ta’ marġni mhux allokati, il-Kummissjoni tipproponi li tisfrutta b’mod sħiħ il-mekkaniżmi tal-**Marġni Globali għall-Pagamenti** introdott fil-qafas preżenti. Bħala novità, qed tipproponi li twessa’ d-daqs u l-ambitu tal-Marġni Globali għall-Impenji eżistenti sabiex tistabbilixxi **Riżerva tal-Unjoni** ffinanzjata mill-marġni li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi għall-impenji għas-sena finanzjarja preċedenti kif ukoll permezz ta’ fondi li jkunu ġew impenjati għall-baġit tal-UE iżda li fl-aħħar mill-aħħar ma jkunux intefqu fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u li jkunu ġew diżimpenjati. Minbarra dan, il-**Marġni tal-Kontinġenza** jrid jinżamm bħala strument tal-aħħar għażla.
2. Huwa propost li l-possibbiltà ta’ devjazzjoni mill-ammonti indikattivi fil-programmi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja tiżdied minn 10 % għal 15 % sabiex tiżdied il-flessibbiltà fl-intestaturi.
3. Fir-rigward tal-**istrumenti speċjali** li jippermettu li jiddaħħlu approprjazzjonijiet fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fl-QFP, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dan japplika kemm għall-appropriazzjonijiet ta’ impenn kif ukoll għal dawk ta’ pagament mobbilizzati. Barra minn hekk:
 - (a) l-ambitu ta’ strumenti speċjali bħall-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva ta’ Għajjnuna f’Emerġenza huwa rivedut, u fejn xieraq huwa estiż (pereżempju, sabiex tkun possibbli l-attivazzjoni tar-Riżerva ta’ Għajjnuna f’Emerġenza għal emerġenzi fl-Unjoni), flimkien ma’ proċeduri ta’ mobbilizzazzjoni razjonalizzati.
 - (b) huwa propost li d-daqs tal-ammonti massimi disponibbli kull sena għall-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva ta’ Għajjnuna f’Emerġenza, u l-Istrument ta’ Flessibbiltà jiżdied. Fl-aħħar nett, l-Istrument ta’ Flessibbiltà jenħtieġ li jitħalla

⁹ Ir-Rieżami / reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020: Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati, COM(2016) 603 final, 14.09.2016.

juża l-porzjon mhux użat tal-ammonti annwali tar-Riżerva ta' Ghajjnuna f'Emerġenza, billi bħalissa dan huwa diġà l-każ għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

2.4. Aġġustament, rieżami u reviżjoni tal-QFP

Il-qafas finanzjarju 2021-2027 huwa ppreżentat fi prezzijiet tal-2018. Il-proċedura għall-aġġustament tekniku tiegħu qed tinżamm, flimkien mad-deflatur ta' 2 %. L-aġġustament tekniku annwali jinkludi wkoll il-kalkoli tal-ammonti li jirrigwardaw il-marġni globali għall-pagamenti, il-marġni globali għall-impenji (ir-riżerva tal-Unjoni), l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġni ta' Kontinġenza, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-ammonti massimi annwali u t-trasferimenti tal-ammonti mhux użati li jkunu ġejjin mis-snin preċedenti stipulati fir-Regolament. Ir-riżultati tal-aġġustamenti jenħteġ li jiġu kkomunikati lill-awtorità baġitarja qabel il-proċedura baġitarja għas-sena N+1.

L-aġġustamenti għal-limiti massimi tal-QFP jistgħu wkoll ikunu dovuti għal ċirkostanzi oħra. Dan huwa l-każ, pereżempju, sabiex ikun permess "ibbaġittjar mill-ġdid" tal-impenji fil-każ ta' adozzjoni tard ta' regoli ġodda għal programmi b'ġestjoni kondiviża, jew sabiex jiġu adattati pakketti ta' politika ta' koeżjoni għall-aktar statistika riċenti fir-rigward tal-metodu tal-allokazzjoni. Dan huwa wkoll il-każ sabiex ikun possibbli l-ibbaġittjar mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet bħala konsegwenza tat-tneħħija tal-miżuri ta' sospensjoni li setgħu ġew deċiżi skont atti bażiċi speċifiċi li jorbtu l-effikaċja tal-fondi mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' defiċjenzi ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Jidher xieraq li jinżammu d-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw il-każijiet li għalihom reviżjoni tal-QFP jenħteġ li tkun prevista (reviżjoni tat-Trattati b'implikazzjonijiet baġitarji, tkabbir tal-Unjoni, ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru).

Rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP huwa previst sa tmiem l-2023. Dan ir-rieżami jista', jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti rilevanti għar-reviżjoni tar-Regolament.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

3.1. Ir-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali

Skont ir-Regolament 1311/2013 attwali, id-dispożizzjonijiet tal-abbozz tar-Regolament tal-QFP huma strutturati f'Kapitoli. L-ordni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet inbidlet sabiex tiġi razzjonalizzata l-preżentazzjoni.

Kapitolu 1 – Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1 – Qafas Finanzjarju Pluriennali

It-test tal-Artikolu 1 jispeċifika t-tul tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li huwa stabbilit għal seba' snin (mill-2021 sal-2027) għar-raġunijiet ippreżentati fil-Komunikazzjoni tal-QFP.

Artikolu 2 – Konformità mal-limiti massimi tal-QFP

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 jirreferi għall-Anness li fih it-tabella tal-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u jistabbilixxi obbligu għall-istituzzjonijiet sabiex jirrispettaw il-limiti massimi matul il-proċedura baġitarja f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

Huwa jistipula wkoll l-aġġustament tas-sottolimitu għall-infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti f'konformità mal-applikazzjoni tal-flessibbiltà bejn iż-żewġ pilastri tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif stabbilita fil-leġislazzjoni tal-PAK.

It-tieni paragrafu jintroduċi l-istrumenti speċjali li huma ddefiniti ulterjorment fil-Kapitolu 3 tal-abbozz tar-Regolament (l-Artikoli minn 9 sa 14), bil-prinċipju li dawn l-istrumenti ma jiġux inklużi fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali u li l-finanzjament tagħhom f'ċirkostanzi speċifiċi jiġi pprovdut lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kemm għall-appropriazzjonijiet ta' impenn, kif ukoll għal dawk ta' pagament li jikkorrispondu magħhom. Sabiex jinżamm il-livell attwali ta' flessibilità u r-rwoli tal-istituzzjonijiet fil-mobilizzazzjoni ta' dawn l-istrumenti, il-proċeduri applikabbli għall-mobilizzazzjoni ta' dawn l-istrumenti huma inklużi fl-abbozz tal-FII.

It-tielet paragrafu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 3(3) attwali, u jallinjah mad-definizzjoni tal-Assistenza finanzjarja għall-Istati Membri stabbilita fit-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju¹⁰. Dan jinkludi kull self lill-Istati Membri li jista' jiġi pprovdut skont il-Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti ("Balance of Payments Facility - BoP")¹¹ u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("EFSM")¹², kif ukoll il-Funzjoni Ewropea tal-Istabbilizzazzjoni tal-Investment il-ġdida li tipprovi self lill-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw xokk asimetriku qawwi. Il-prinċipju li jistipula li, jekk il-ħlas lura ta' self garantit bħala parti mill-Assistenza finanzjarja lill-Istati Membri jkollu jiġi kopert mill-baġit tal-Unjoni, din in-nefqa potenzjali jenħtieġ li tiġi eskluża mill-qafas finanzjarju (jiġifieri l-ammonti jiġu mmobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali) huwa miżmum.

Il-limitu massimu rilevanti li jirrestrinġi l-kapaċità tal-Unjoni sabiex tiggarantixxi s-self mill-baġit tal-Unjoni huwa l-limitu massimu tar-riżorsi proprji u mhux il-limitu massimu tal-QFP.

Artikolu 3 – Rispett għal-limitu massimu tar-riżorsi proprji

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 4 tar-Regolament attwali. Il-konformità mal-limitu tar-riżorsi proprji trid tkun żgurata għal kull sena. Jekk il-limiti tal-appropriazzjonijiet ta' pagament jirriżultaw f'rata għall-ġbir tar-riżorsi proprji li taqbeż il-limitu tar-riżorsi proprji, ikollhom jiġu aġġustati l-limiti tal-qafas finanzjarju.

Kapitolu 2 – Aġġustamenti għall-QFP

Artikolu 4 – Marġni Globali għall-Pagamenti

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 5 tar-Regolament attwali għall-perjodu 2022-2027, iżda mingħajr l-ebda restrizzjoni f'termini tal-ammont tal-aġġustament tal-limiti massimi sabiex tiġi żgurata l-flessibilità speċifika u massima.

Artikolu 5 – Aġġustamenti tekniċi

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 6 tar-Regolament attwali. Il-qafas finanzjarju huwa ppreżentat fi prezzijiet tal-2018. Il-proċedura għall-aġġustament tekniku annwali tiegħu qed tinżamm, flimkien mad-deflatur ta' 2 %. Fil-paragrafu 1, l-ordni tal-paragrafi minn (d) sa (f) hija emendata sabiex tirrifletti l-ordni tal-artikoli fil-Kapitolu 3.

Artikolu 6 – Aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 7 tar-Regolament attwali fir-rigward tal-aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni fuq il-bażi tad-data statistika l-aktar riċenti,

¹⁰ Ir-Regolament Nru UE [XXX/201X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L...).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri, ĠU L 053, 23.02.2002, p. 1.

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja, ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

bl-eċċezzjoni tar-rieżami tal-eliġibbiltà tal-Fond ta' Koeżjoni. It-tibdiliet introdotti jirriflettu ż-żmien għall-QFP tal-2021-2027.

Artikolu 7 – Aġġustamenti relatati ma' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Fir-rigward tal-kondizzjonalità makroekonomika, dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 8 tar-Regolament attwali. Huwa propost li dan il-mekkaniżmu jiġi estiż għall-aġġustament tal-limiti massimi tal-QFP fil-każ ta' tneħħija ta' miżuri relatati mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri ¹³. Fiż-żewġ każijiet, huwa propost li l-perjodu ta' żmien massimu permiss biex impenji sospiżi jiddaħħlu mill-ġdid fil-baġit jiġi limitat għal n+2 snin.

Artikolu 8 – Aġġustament wara regoli jew programmi ġodda b'ġestjoni kondiviża

Huwa propost li l-modifiki tal-limiti massimi fil-każ tal-adozzjoni tard tar-regoli l-ġodda jew programmi b'ġestjoni kondiviża jsiru permezz ta' aġġustament tekniku minflok permezz ta' reviżjoni kif inhuwa l-każ bħalissa (l-Artikolu 19 tar-Regolament QFP preżenti), billi din hija essenzjalment modifika awtomatika u mekkanika, li teħtieġ li tiġi implimentata malajr sabiex tiffaċilita l-iffinalizzar tal-proċess tal-ipprogrammar. Huwa propost li l-allokazzjonijiet mhux użati fl-2021 jiġu allokati f'porzjonijiet ugwali għall-erba' snin sussegwenti mill-2022 sal-2025.

Kapitolu 3 – Strumenti speċjali

L-ordni tal-preżentazzjoni tal-Istrumenti speċjali huwa mibdul, sabiex jinkludi l-ewwel iż-żewġ strumenti speċjali (il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea) marbuta ma' atti bażiċi speċifiċi. Id-dispożizzjonijiet dwar il-mobbilizzazzjoni huma razzjonalizzati fir-Regolament u fl-abbozz tal-FII, u jqisu d-dispożizzjonijiet diġà inklużi fl-atti bażiċi settorjali speċifiċi u fir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 9 – Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 12 tar-Regolament attwali. Id-definizzjoni tal-oġġettivi u l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni se tiġi definita fl-att bażiku speċifiku (ir-Regolament (UE) XXXX/XX¹⁴). L-ammont annwali massimu huwa miżjud għal EUR 200 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

Artikolu 10 – Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 10 tar-Regolament attwali. Id-definizzjoni tal-oġġettivi u l-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea hija definita fl-att bażiku speċifiku (ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014), li ma hija proposta l-ebda emenda għalih. L-ammont annwali massimu huwa miżjud għal EUR 600 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

Artikolu 11 – Ir-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza

Dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 9 tar-Regolament attwali. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-baġit tal-Unjoni jkun jirrispondi malajr u filwaqt li jitqiesu l-isfidi l-ġodda li l-Unjoni kienet u qed tkompli tkun ikkonfrontata bihom, huwa propost li l-ambitu tar-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza jiġi estiż għal operazzjonijiet fl-UE, sabiex jiġi pprovdut mekkaniżmu komuni li jsaħħaħ finanzjarjament l-azzjonijiet tal-UE f'rispons għal

¹³ COM(2018) 324, 02.05.2018.

¹⁴ ĠU L, , p. .

kull tip ta' kriżi (diżastri naturali, emerġenzi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, emerġenzi umanitarji, epidemiji tas-saħħa, eċċ.) u fil-postijiet ġeografiċi kollha. Sabiex tiġi mmassimizzata l-kapaċità tar-rispons tal-baġit tal-UE, ma hemm l-ebda preallokazzjoni jew użu prijoritarju għall-programmi speċifiċi. Madankollu, limitazzjonijiet temporanji tal-użu japplikaw matul is-sena sabiex tiġi żgurata l-kapaċità ta' rispons f'kull żmien għall-kriżijiet interni jew esterni u sabiex jiġi żgurat li l-fondi jkunu jistgħu jiġu mmobilizzati sabiex ikopru l-ħtiġijiet li jistgħu jitfaċċaw lejn tmiem is-sena. L-ammont annwali massimu huwa miżjud għal EUR 600 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

Artikolu 12 – Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni)

Dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 14 tar-Regolament attwali. Minbarra l-marġni li jibqgħu disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-impenji tas-sena n-1, applikabbli sa mill-2022, huwa propost li, mill-2023, ir-riżorsi tal-Marġni globali għall-Impenji (ir-riżerva tal-Unjoni) jiġu miżjuda bl-ammonti li jikkorrispondu mal-appropriazzjonijiet diżimpenjati tas-sena n-2, bl-eċċezzjoni tal-appropriazzjonijiet diżimpenjati li jerġgħu jkunu disponibbli skont regoli speċifiċi stabbiliti fl-artikolu [15] tar-Regolament Finanzjarju. Id-dispożizzjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni jibqgħu mhux mibdula mill-Marġni Globali għall-Impenji attwali.

Artikolu 13 – L-Istrument ta' Flessibbiltà

Dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 11 tar-Regolament attwali. L-ammont massimu annwali huwa miżjud għal EUR 1 biljun (fi prezzijiet tal-2018). Minbarra dan, huwa propost li mal-Istrument ta' Flessibbiltà jiżdiedu l-ammonti mhux użati tar-Riżerva ta' Ġhajnuna f'Emerġenza li skadew fis-sena preċedenti, kif inhu diġà l-każ għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fir-Regolament attwali. L-ikkalkular tal-ammonti disponibbli skont l-Istrument ta' Flessibbiltà se jkompli jiġi kkomunikat bħala parti mill-aġġustament tekniku annwali ppreżentat fl-Artikolu 5.

Artikolu 14 – Marġni ta' Kontinġenza

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 13 tar-Regolament attwali.

Kapitolu 4 – Rieżami u reviżjoni tal-QFP

Artikolu 15 – Reviżjoni tal-QFP

It-test ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 17 tar-Regolament attwali. It-test tal-paragrafu 3 fir-rigward tal-eżaminar tal-possibbiltajiet ta' skjerament mill-ġdid fl-intestatura rilevanti tal-QFP ġie ssimplifikat.

Artikolu 16 – Rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP

Dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 2 tar-Regolament attwali. Huwa propost li, sa tmiem l-2023, il-Kummissjoni tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP, akkumpanjat kif xieraq minn proposti rilevanti għall-bqija tal-perjodu, inkluża proposta għar-reviżjoni tal-QFP (l-Artikolu 15(1)).

Artikolu 17 – Reviżjoni relatata mal-implimentazzjoni

It-test ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 18 tar-Regolament attwali. Ir-regola ġenerali dwar iż-żmien tal-adozzjoni tar-reviżjoni qed titneħħa, sabiex ma tiġix ristretta fiż-żmien il-possibbiltà ta' reviżjoni tal-QFP fuq il-bażi tal-implimentazzjoni, jekk ikun hemm din il-ħtieġa.

Artikolu 18 – Reviżjoni tal-QFP fil-każ ta' reviżjoni tat-Trattati

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 20 tar-Regolament attwali.

Artikolu 19 – Reviżjoni tal-QFP fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 21 tar-Regolament attwali.

Artikolu 20 – Reviżjoni tal-QFP fil-każ tar-riunifikazzjoni ta' Ċipru

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 22 tar-Regolament attwali.

Kapitolu 5 – Kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira

Artikolu 21 – Kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira

Dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 16 tar-Regolament attwali. Huwa propost li jinżammu għall-perjodu mill-2021 sal-2027 dispożizzjonijiet li jstabbilixxu ammonti massimi għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni għal proġetti tal-infrastruttura fuq skala kbira li huma ffinanzjati fil-limiti massimi tal-QFP iżda li l-ħajja tagħhom testendi sew lil hinn mill-perjodu stabbilit għall-qafas finanzjarju.

Dan ikun jirrigwarda proġetti fuq skala kbira bħala parti mill-Programm Ewropew tal-Ispazju kif ukoll il-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (International Thermonuclear Experimental Reactor, ITER).

Għaldaqstant, id-dispożizzjoni proposta tipprevedi "delimitazzjoni" tal-ammont disponibbli għall-QFP tal-2021 – 2027. L-atti leġislattivi li jikkonċernaw il-programmi msemmija hawn fuq għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fir-Regolament preżenti.

Kapitolu 6 – Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Artikolu 22 – Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 23 tar-Regolament attwali.

Artikolu 23 – Unità tal-Baġit

Dan l-Artikolu jirriproduċi t-test tal-Artikolu 24 tar-Regolament attwali.

Kapitolu 7 – Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 24 - Tranżizzjoni lejn il-qafas finanzjarju li jmiss

It-test ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi mal-Artikolu 25 tar-Regolament attwali. Huwa jstabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni li tippreżenta qafas finanzjarju ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2025.

Ir-regoli fil-każ li ma jkunx hemm qbil dwar qafas finanzjarju ġdid sa tmiem il-qafas finanzjarju kopert mir-Regolament huma definiti mil-liġi primarja (l-Artikolu 312(4) TFUE) u ma għandhomx għalfejn jiġu riprodotti fir-Regolament. Issir referenza għalihom fil-premessa 15.

Artikolu 25 - Dħul fis-seħħ

L-aħħar Artikolu tal-abbozz tar-Regolament tal-QFP jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ u d-data tal-applikabbiltà tar-Regolament. Il-FII jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fl-istess jum billi ż-żewġ testi legali jikkumplementaw lil xulxin.

3.2. Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni fil-qasam baġitarju u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba

Introduzzjoni – Punti minn 1 sa 6 tal-abbozz tal-FII

Il-parti introduttorja tal-abbozz tal-FII tintroduċi r-referenza għat-Trattat (l-Artikolu 295), in-natura vinkolanti ta' dan il-ftehim, il-koerenza tiegħu ma' atti legali oħra marbuta mal-qafas

finanzjarju pluriennali u l-proċedura baġitarja, tiddekrivi l-istruttura tal-Ftehim, u tistipula d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu (l-istess data bħal dik tar-Regolament tal-QFP).

Hija tirriproduċi t-test tal-Punti minn 1 sa 6 tal-FII preżenti.

Parti I – dispożizzjonijiet marbuta mal-qafas finanzjarju

A. Dispożizzjonijiet marbuta mal-qafas finanzjarju

Il-Punt 7 tal-FII jirrigwarda l-marġni taħt il-limiti massimi. Ir-Regolament tal-QFP jistabbilixxi l-limiti massimi għall-intestaturi kollha li jridu jiġu rrispettati matul kull proċedura baġitarja kif mitlub mit-Trattat. Madankollu, il-prattika li jiġu żgurati safejn possibbli marġni suffiċjenti taħt il-limiti massimi jenħtieġ li tinżamm. Hija tikkostitwixxi element tal-kooperazzjoni u r-rieda tajba interistituzzjonali tal-istituzzjonijiet fil-proċedura baġitarja. Id-dispożizzjoni hija miżmuma mingħajr tibdil mill-punt 8 tal-FII preżenti, minbarra għal referenza għas-subintestatura “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” billi l-ebda subintestatura bħal din ma hija proposta fl-istruttura l-għdida tal-QFP.

Il-punt 8 jistipula aġġornament tal-previżjoni għall-appropriazzjonijiet ta’ pagament wara l-2027 fir-raba’ sena tal-QFP, skont il-prattika preżenti u l-punt 9 tal-FII preżenti.

B. Dispożizzjonijiet marbuta ma’ strumenti speċjali

Il-punti minn 9 sa 13 jikkorrispondu mal-punti minn 10 sa 14 tal-FII attwali u jiddefinixxu l-proċeduri applikabbli għall-mobbilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali li ġejjin li huma ppreżentati fir-Regolament tal-QFP: Il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva ta’ Għajnuna f’Emerġenza, l-Istrument ta’ Flessibbiltà u l-Marġni ta’ Kontinġenza. L-ordni tad-dispożizzjonijiet hija mibdula biex tirrifletti l-ordni tal-abbozz tar-Regolament tal-QFP.

It-test tad-dispożizzjonijiet huwa emendat għal:

- jallinja r-regoli tal-votazzjoni meħtieġa għall-mobbilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Istrument ta’ Flessibbiltà għar-regoli applikabbli għall-adozzjoni tal-baġit tal-UE skont l-Artikolu 314 TFUE;
- jissimplifika u jirrazzjonalizza t-test fejn dispożizzjonijiet speċifiċi huma diġà inklużi fir-Regolament Finanzjarju jew fl-att settorjali bażiku rilevanti: regoli applikabbli għat-trasferimenti (il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva ta’ Għajnuna f’Emerġenza), deċiżjoni tal-mobbilizzazzjoni (il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea).

Parti II – titjib tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

A. Il-proċedura tal-kollaborazzjoni interistituzzjonali

Il-Punt 14 jirreferi għad-dettalji tal-kooperazzjoni interistituzzjonali matul il-proċedura baġitarja, li huma inklużi fl-Anness tal-FII.

Il-Punt 15 dwar it-“trasparenza baġitarja” jżomm it-test tal-punt 16 tal-FII attwali, b’modifiki biex jitqiesu rapporti li għalihom huma inklużi dispożizzjonijiet dettaljati fir-Regolament Finanzjarju (pereżempju, Fondi Fiduċjarji fl-Artikoli 41(6) u 252, previżjonijiet ta’ ħames snin dwar id-dħul u l-ħruġ fl-Artikolu 247(1)(c)). It-test huwa wkoll emendat biex jirrifletti l-proposta li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jiġi integrat fil-baġit tal-Unjoni mill-2021. Ir-rappurtar dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp skont il-punt 15 tal-FII b’hekk jenħtieġ li japplika biss għall-kwistjonijiet pendenti tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti.

B. Inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet finanzjarji fl-atti leġislattivi

Id-dispożizzjonijiet tal-FII preżenti huma miżmuma. Il-possibbiltà ta' bidla mill-ammonti inklużi fl-atti leġislattivi hija miżjuda minn 10 % għal 15 % sabiex tiżdied il-flessibbiltà fl-intestaturi (il-punt 16). Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-ammont preallokat lill-Istati Membri għat-tul kollu tal-qafas finanzjarju, u lanqas għall-proġetti fuq skala kbira msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament tal-QFP.

Il-Punt 17 huwa rivedut biex it-terminoloġija tiegħu tiġi allinjata mat-TFUE. Ir-referenza għad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 1975 hija mħassra billi issa ma għadhiex rilevanti.

C. Nefqa relatata mal-ftehimiet tas-sajd

It-test tal-FII preżenti għad-dispożizzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni u l-informazzjoni relatata ma' kwistjonijiet baġitarji fir-rigward tal-ftehimiet tas-sajd huwa miżmum, ħlief biex jitqies il-fatt li, billi l-kwistjoni - mhux baġitarja - tal-parteċipazzjoni fil-konferenzi li jinneogzjaw ftehimiet internazzjonali hija diġà stabbilita fil-punti 25 u 26 tal-Ftehim ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Ottubru 2010¹⁵, ikun aħjar li jiġi evitat test parallel fil-FII.

D. Finanzjament tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni

Il-Punt 20 jirriproduċi t-test tal-Artikolu 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali preżenti.

It-test tal-punt 21 fil-biċċa l-kbira jirriproduċi t-test tal-punt 24 tal-FII preżenti, b'riorganizzazzjoni tal-paragrafi u kjarifika tat-terminoloġija ("operazzjonijiet" minflok "strumenti"). Ir-referenza għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza qed titneħħa, fid-dawl tal-fatt li l-ambitu estiż propost fl-Artikolu 11 tal-abbozz tar-Regolament tal-QFP, se jibqa' possibbli li tiġi mmobilizzata r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għall-finijiet tat-tisħiħ urġenti tal-baġit tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni.

Fil-punt 22, huwa propost li tiġi stabbilita data fissa (it-30 ta' Novembru ta' kull sena) għall-qbil dwar il-kalendarju annwali għal-laqgħat ta' konsultazzjoni konġunta li jinżammu fis-sena sussegwenti għall-finijiet ta' djalogu regolari bejn il-Parlament Ewropew u r-Rappreżentant Għoli.

E. Involvement tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-politika tal-iżvilupp

Id-dispożizzjoni tal-punt 23 hija emendata sabiex tqis l-integrazzjoni proposta tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-Unjoni.

Parti III – Ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE

Il-punti 28 u 29 tal-FII preżenti dwar il-ġestjoni konġunta u r-rapport annwali ta' evalwazzjoni stipulat fl-Artikolu 318 TFUE huma mħassra, billi dawn ir-rapporti issa huma koperti b'dispożizzjoni speċifika fir-Regolament Finanzjarju (l-Artikoli 41(3)(g) u 247(1)(e), rispettivament).

Il-punt 24 dwar l-ipprogrammar finanzjarju jirriproduċi t-test tal-punt 30 tal-FII preżenti, b'aġġustamenti sabiex id-dati jiġu allinjati ma' dawk definiti fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-Taqsima B dwar l-Aġenziji u l-Iskejje Ewropej (il-punti minn 25 sa 28) mhijiex mibdula mill-FII preżenti.

Anness – Kooperazzjoni interistituzzjonali matul il-proċedura baġitarja

¹⁵ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

Id-dispożizzjonijiet inklużi fl-Anness mhumex mibdula mill-FII preżenti, billi rriżulta li huma bażi soda għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, minbarra għal żewġ modifiki:

- It-test tal-punt 9 fir-rigward tal-ittri ta' emenda għall-abbozz tal-baġit huwa allinjat mat-test tal-Artikolu 42 tar-Regolament Finanzjarju;
- Sabiex tiġi riflessa l-prattika attwali, u sabiex it-test jiġi allinjat mal-punt 20 tal-Anness, il-kelma “implimentabbiltà” hija sostitwita bil-kelma “eżegwibbiltà”.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹⁶,

Wara li l-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Meta titqies il-hteġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju, it-tul tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jenħteġ li jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Il-limiti massimi annwali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn skont il-kategorija tan-nefqa u l-limiti massimi annwali għall-appropriazzjonijiet ta' pagament stabbiliti mill-QFP iridu jirrispettaw il-limiti massimi applikabbli għall-impenji u r-riżorsi proprji, li huma stabbiliti skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea adottata skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE.
- (3) Jekk ikun neċessarju li jiġu mmobbilizzati l-garanziji mogħtija skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri awtorizzata skont l-Artikolu [208(1)] tar-Regolament Nru UE [xxx/201x] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ ('ir-Regolament Finanzjarju'), l-ammont neċessarju jenħteġ li jiġi mmobbilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-QFP, filwaqt li jiġi rispettat il-limitu massimu tar-riżorsi proprji.
- (4) L-QFP jenħteġ li ma jqisx elementi tal-baġit iffinanzjati mid-dħul assenjat fis-sens tar-Regolament Finanzjarju.
- (5) Il-QFP jenħteġ li jiġi stabbilit bil-prezzijiet tal-2018. Jenħteġ li jiġu stabbiliti wkoll ir-regoli għall-aġġustamenti tekniċi annwali tal-QFP biex jiġu kkalkulati mill-ġdid il-limiti massimi u l-marġni disponibbli.

¹⁶ ĠU C, , p. .

¹⁷ Ir-Regolament Nru UE [XXX/201X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L...).

- (6) Jenħtieġ li tiġi implimentata flessibbiltà speċifika u dik massima possibbli biex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha f'konformità mal-Artikolu 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (7) L-istrumenti speċjali li ġejjin huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi mhux previsti jew biex jippermettu l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma tistax tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda jew aktar kif stabbilit fl-QFP sabiex il-proċedura baġitarja tkun tista' taħdem mingħajr diffikultà: il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza, il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni), l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġni ta' Kontinġenza. Ir-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza mhijiex immirata sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżijiet relatati mas-suq li jaffettwaw il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għall-possibbiltà li jiddaħħlu fil-baġit approprijazzjonijiet ta' impenn, u approprazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu magħhom, lil hinn mill-limiti massimi stabbiliti fil-QFP, fejn ikun meħtieġ li jintużaw strumenti speċjali.
- (8) Il-pakketti nazzjonali li jiffavorixxu l-politika ta' koeżjoni huma stabbiliti fuq il-bażi tad-*data* statistika u t-tbassir użat għall-proposta ta' Mejju 2018 tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-inċertezzi fit-tbassir, u l-impatt għall-Istati Membri b'limitu massimu, huwa neċessarju li matul il-perjodu tal-QFP jitwettagħ rieżami li jqabbel id-*data* statistika mbassra u dik reali, u fil-każ ta' differenzi sinifikanti jistipula aġġustament tal-pakketti nazzjonali għall-Istati Membri kkonċernati u tal-limiti massimi rilevanti tal-QFP.
- (9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jitolbu aġġustament tal-QFP. Dawn l-aġġustamenti jistgħu jkun relatati mal-adozzjoni tard ta' regoli jew programmi b'ġestjoni kondiviża ġodda, jew ma' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri adottati skont l-atti bażiċi rilevanti.
- (10) Huwa neċessarju li jsir rieżami tal-funzjonament tal-QFP f'nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li jittieħed kont tar-riżultati ta' dan ir-rieżami fi kwalunkwe reviżjoni ta' dan ir-Regolament għall-kumplement tas-snin tal-QFP.
- (11) Huwa neċessarju li tiġi stipulata reviżjoni tal-QFP f'każ ta' reviżjoni tat-Trattati, jew tar-riunifikazzjoni ta' Ċipru jew ta' tkabbir tal-Unjoni, kif ukoll fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-baġit.
- (12) Jista' jkun meħtieġ ukoll li dan ir-Regolament jiġi rivedut fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati b'rispett għal-limiti massimi stabbiliti fil-QFP. Għalhekk, huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal reviżjoni tal-QFP f'każijiet bħal dawn.
- (13) Huma meħtieġa wkoll regoli speċifiċi sabiex wieħed jittratta l-proġetti l-kbar tal-infrastruttura li l-ħajja tagħhom tmur sostanzjalment lil hinn mill-perjodu stabbilit għall-QFP. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ammonti massimi għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal dawk il-proġetti biex b'hekk jiġi żgurat li ma jkollhom l-ebda impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati minn dak il-baġit.
- (14) Huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal regoli ġenerali dwar kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja.

- (15) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2025 sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jadottawha kmieni biżżejjed qabel jibda l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. F'konformità mal-Artikolu 312(4) TFUE l-limiti massimi li jikkorrispondu mal-aħħar sena stabbilita f'dan ir-Regolament ikompli japplikaw fil-każ li qafas ġdid ma jiġix adottat qabel tmiem it-terminu tal-QFP stabbilit f'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (QFP).

Artikolu 2

Il-Konformità mal-limiti massimi tal-QFP

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, waqt kull proċedura baġitarja u meta jiġi implimentat il-baġit għas-sena kkonċernata, jikkonformaw mal-limiti massimi tan-nefqa annwali stabbiliti fl-Anness ("il-limiti massimi tal-QFP").
Is-sottolimitu għall-Intestatura III, kif stabbilit fl-Anness, huwa stabbilit mingħajr preġudizzju għall-flessibbiltà bejn iż-żewġ pilastri tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Il-limitu massimu aġġustat li għandu jiġi applikati għall-pilastri I tal-PAK wara t-trasferimenti bejn il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-pagamenti diretti għandhom jiġu stabbiliti fl-att legali rilevanti u l-QFP għandu jiġi aġġustat kif meħtieġ skont l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
2. Fejn ikun meħtieġ li r-riżorsi jintużaw mill-istrumenti speċjali stipulati fl-Artikoli minn 9 sa 14, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament li jikkorrispondu magħhom għandhom jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP.
3. Fejn ikun neċessarju li tiġi mobbilizzata garanzija għal assistenza finanzjarja għal Stati Membri awtorizzata skont l-Artikolu [208(1)] tar-Regolament Nru UE [xxx/201x] ("ir-Regolament Finanzjarju"), l-ammont neċessarju għandu jiġi mobbilizzat lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP.

Artikolu 3

Ir-Rispett tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji

4. Għal kull waħda mis-snin koperti mill-QFP, l-appropriazzjonijiet totali għall-ħlasijiet meħtieġa, wara li jsir l-aġġustament annwali u wara li jitqiesu kwalunkwe aġġustamenti jew reviżjonijiet oħra, kif ukoll l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 2, ma jistgħux ikunu tali li jipproduċu rata ta' għbir tar-riżorsi proprji li taqbeż il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea adottata skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE ("id-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji") fis-seħħ.

5. Fejn ikun meħtieġ, il-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għandhom jitbaxxew sabiex tiġi żgurata konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji fis-seħħ.

Kapitolu 2

Aġġustamenti għall-QFP

Artikolu 4

Marġni globali għall-pagamenti

1. Kull sena, mill-2022 'il quddiem, bħala parti mill-aġġustament tekniku msemmi fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-limitu massimu għall-pagamenti għas-snin 2022-2027 'il fuq b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti mwettqa u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1.
2. Kull aġġustament 'il fuq għandu jiġi kkompensat kollu bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti għas-sena n-1.

Artikolu 5

Aġġustamenti tekniċi

1. Kull sena l-Kummissjoni, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, għandha tagħmel l-aġġustamenti tekniċi li ġejjin fil-QFP:
 - (a) valutazzjoni mill-ġdid, skont il-prezzijiet tas-sena n+1, tal-limiti massimi u tal-figuri globali għall-approprijazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għall-approprijazzjonijiet ta' pagament;
 - (b) kalkolu tal-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji fis-seħħ;
 - (c) kalkolu tal-marġni globali għall-pagamenti stipulat fl-Artikolu 4;
 - (d) kalkolu tal-marġni globali għall-impenji (ir-riżerva tal-Unjoni) stipulat fl-Artikolu 12;
 - (e) kalkolu tal-ammonti li għandhom ikunu disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1);
 - (f) kalkolu tal-ammont assolut tal-Marġni ta' Kontinġenża stipulat fl-Artikolu 14.
2. L-aġġustament tekniku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq il-bażi ta' deflatur fiss ta' 2 % fis-sena.
3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 u l-previżjonijiet ekonomiċi li fuqhom ikunu bbażati.
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6, 7 u 8 l-ebda aġġustament tekniku ieħor ma għandu jsir fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korezzjonijiet *ex post* fis-snin sussegwenti.

Artikolu 6

Aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha fl-2024, flimkien mal-aġġustamenti tekniċi għas-sena 2025, terġa' teżamina l-allokazzjonijiet totali tal-Istati Membri kollha taħt il-mira

"Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi" tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2025 sa 2027, filwaqt li tapplika l-metodu ta' allokkazzjoni stabbilit fl-att bażiku rilevanti fuq il-bażi tal-aktar statistika reċenti disponibbli u tal-paragun, għall-Istati Membri li għandhom limitu massimu, bejn il-PDG nazzjonali akkumulat osservat fis-snin 2021 sal-2023, u l-PDG nazzjonali akkumulat stmat fl-2018. Hija għandha taġġusta dawk l-allokkazzjonijiet totali meta jkun hemm diverġenza kumulattiva ta' aktar minn +/- 5 %.

2. L-aġġustamenti meħtieġa għandhom jitqassmu fi proporzjonijiet ugwali fuq is-snin mill-2025 sal-2027 u l-limiti massimi li jikkorrispondu magħhom tal-QFP għandhom jiġu aġġustati skont dan. Il-limiti massimi tal-pagamenti għandhom ukoll ikunu aġġustati skont kif meħtieġ sabiex jiġi żgurat progress ordnat f'rabta mal-appropriazzjonijiet ta' impenn.
3. L-effett nett totali, kemm jekk pożittiv kif ukoll jekk negattiv, tal-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 2, ma għandux jaqbeż l-EUR 4 biljun.

Artikolu 7

Aġġustamenti relatati ma' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri

Fil-każ tat-tneħħija, skont l-atti bażiċi rilevanti, ta' sospensjoni ta' impenji baġitarji dwar fondi tal-Unjoni fil-kuntest ta' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, l-ammonti li jikkorrispondu mal-impenji sospiżi għandhom jiġu trasferiti għas-snin ta' wara u l-limiti massimi li jikkorrispondu magħhom tal-QFP għandhom jiġu aġġustati skont dan.

L-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fil-baġit ta' wara s-sena n+2.

Artikolu 8

Aġġustament wara regoli jew programmi ġodda b'ġestjoni kondiviża

Fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2021 ta' regoli jew programmi b'ġestjoni kondiviża ġodda għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi taħt il-Fond Integrat tal-Ġestjoni tal-Fruntieri, l-ammonti li jikkorrispondu mal-allokkazzjonijiet mhux użati fl-2021 għandhom jiġu trasferiti fi proporzjonijiet ugwali għas-snin 2022 sal-2025, u l-limiti massimi li jikkorrispondu magħhom tal-QFP għandhom jiġu aġġustati skont dan.

Kapitolu 3

Strumenti speċjali

Artikolu 9

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

1. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li l-oġettivi u l-ambitu tiegħu huma stabbiliti fir-[Regolament (UE) XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill¹⁸], ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 200 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

2. L-appropriazzjonijiet għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom jiddaħħlu bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 10

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

1. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li l-oġġettivi u l-ambitu tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002¹⁹, ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 600 miljun (prezzijiet tal-2018). Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart minn dak l-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena. Il-porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.
2. F'każijiet eċċezzjonali u jekk ir-riżorsi finanzjarji li jifdal disponibbli fil-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea fis-sena meta jkun seħħ id-diżastru ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru l-ammont ta' assistenza meqjus bħala neċessarju, il-Kummissjoni tista' tipproponi li d-differenza tkun iffinanzjata permezz tal-ammonti annwali disponibbli għas-sena ta' wara.

Artikolu 11

Ir-Riżerva ta' Għajjuna f'Emerġenza

1. Ir-Riżerva ta' Għajjuna f'Emerġenza tista' tintuża għal rispons rapidu għal ħtiġijiet speċifiċi ta' emerġenza fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi wara żviluppi li ma jkunux setgħu jkunu previsti meta jkun ġie stabbilit il-baġit, b'mod partikolari għal operazzjonijiet ta' rispons u ta' appoġġ ta' emerġenza wara diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji, f'każijiet ta' theddidiet fuq skala kbira ta' saħħa pubblika, veterinarji jew fitosanitarji, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari li tirriżulta mill-flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Unjoni fejn iċ-ċirkostanzi jkunu jitolbu dan.
2. L-ammont annwali tar-Riżerva huwa stabbilit għal EUR 600 miljun (prezzijiet tal-2018) u jista' jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Ir-Riżerva għandha tiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.

Sal-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għas-sena n għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena.

Mhux aktar minn nofs l-ammont disponibbli sat-30 ta' Settembru ta' kull sena jista' jiġi mobbilizzat, rispettivament, għall-operazzjonijiet interni jew esterni.

¹⁸ ĠU L, , p. .

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

Sa mill-1 ta' Ottubru, il-parti li jibqa' tal-ammont disponibbli tista' tiġi mobbilizzata għal operazzjonijiet interni jew esterni sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet li jitfaċċaw sa tmiem dik is-sena.

Artikolu 12

Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni)

1. Il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni), li trid tkun disponibbli lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2022 sal-2027, għandha tikkonsisti f'dawn li ġejjin:
 - (a) marġni li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-impenji għas-sena n-1;
 - (b) mill-2023, minbarra l-marġni msemija fil-punt (a), ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-appropriazzjonijiet li saru matul is-sena n-2, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu [15] tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni) jew parti minnu jista' jiġi mmobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stipulata fl-Artikolu 314 TFUE.

Artikolu 13

L-Istrument ta' Flessibbiltà

L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi użat għall-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari, ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda jew aktar. Suġġett għat-tieni subparagrafu, il-limitu massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà huwa stabbilit għal EUR 1 000 miljun (prezzijiet tal-2018).

Kull sena, l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied bl-ammonti li ġejjin:

- (a) b'ammont ekwivalenti għall-porzjon tal-ammont annwali għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li jkun skada fis-sena ta' qabel;
- (b) b'ammont ekwivalenti għall-porzjon tal-ammont annwali għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea li jkun skada fis-sena ta' qabel skont l-Artikolu 10(1);
- (c) b'ammont ekwivalenti għall-porzjon tal-ammont annwali għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza li jkun skada fis-sena ta' qabel skont l-Artikolu 11(2).

L-ammonti li jsiru disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà skont it-tieni subparagrafu għandhom jintużaw skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

3. Il-porzjon li ma jintużax tal-ammont annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi użat sas-sena n+3. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-snin ta' qabel għandu jintuża l-ewwel, skont l-età tiegħu. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+3 għandu jiskadi.

Artikolu 14
Marġni ta' Kontinġenza

1. Marġni ta' Kontinġenza ta' mhux iżjed minn 0,03 % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-Unjoni għandu jiġi kostitwit barra mil-limiti massimi tal-QFP, bħala strument tal-aħħar-rimedju b'reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti. Dan jista' jiġi mmobilizzat biss f'rabta ma' baġit emendatorju jew annwali.
2. L-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza ma għandux jaqbeż, fi kwalunkwe sena partikolari, l-ammont massimu stipulat fl-aġġustament tekniku annwali tal-QFP, u għandu jkun konsistenti mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji.
3. L-ammonti magħmulin disponibbli permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza għandhom jiġu kollha kkompensati mal-marġni f'waħda jew aktar mill-intestaturi tal-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew dawk futuri.
4. L-ammonti paċuti skont il-paragrafu 3 ma għandhomx jiġu mobilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP. L-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza ma għandux jirriżulta fil-qbiż tal-limiti totali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament stipulati fil-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew għal dawk futuri.

Kapitolu 4
Rieżami u Reviżjoni tal-QFP

Artikolu 15
Reviżjoni tal-QFP

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2), l-Artikoli minn 16 sa 20 u 24, f'ċirkostanzi mhux previsti, il-QFP jista' jiġi rivedut f'konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji li tkun fis-seħħ.
2. Bħala regola ġenerali, kull proposta għal reviżjoni tal-QFP skont il-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata u adottata qabel il-bidu tal-proċedura baġitarja għas-sena jew l-ewwel sena tas-snin ikkonċernati.
3. Kull proposta għal reviżjoni tal-QFP skont il-paragrafu 1 għandha teżamina l-possibbiltà għar-riallokazzjoni tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura ikkonċernata mir-reviżjoni, b'referenza partikolari għal kull nuqqas ta' utilizzazzjoni mistennija tal-appropriazzjonijiet.
4. Kull reviżjoni tal-QFP skont il-paragrafu 1 għandha tqis il-possibbiltà ta' tpaċija għal kull żieda fil-limitu massimu għal intestatura waħda permezz tat-tnaqqis tal-limitu massimu għal intestatura oħra.
5. Kull reviżjoni fil-QFP skont il-paragrafu 1 għandha żżomm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet.

Artikolu 16
Rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP

Qabel l-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP. Dan ir-rieżami għandu, kif ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti rilevanti.

Artikolu 17
Reviżjoni relatata mal-implimentazzjoni

Meta tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi għall-QFP, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta kwalunkwe proposta biex jiġu riveduti l-appropriazzjonijiet ta' pagament totali li din tkun tqis bħala meħtieġa, fid-dawl tal-implimentazzjoni, biex tiżgura ġestjoni tajba tal-limiti massimi tal-pagamenti annwali u b'mod partikolari l-progress ordnat tagħhom fir-rigward tal-appropriazzjonijiet ta' impenn.

Artikolu 18
Reviżjoni tal-QFP fil-każ ta' reviżjoni tat-Trattati

F'każ li sseħħ reviżjoni tat-Trattati b'implikazzjonijiet baġitarji, il-QFP għandu jiġi rivedut kif xieraq.

Artikolu 19
Reviżjoni tal-QFP fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni

Jekk ikun hemm adeżjoni jew adeżjonijiet mal-Unjoni, il-QFP għandu jiġi rivedut biex jitqiesu l-ħtiġijiet tan-nefqa li jirriżultaw minn dan.

Artikolu 20
Reviżjoni tal-QFP fil-każ tar-riunifikazzjoni ta' Ċipru

Fil-każ ta' riunifikazzjoni ta' Ċipru, il-QFP għandu jiġi rivedut sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-ftehim komprensiv dwar il-problema ta' Ċipru u l-ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali li jirriżultaw mir-riunifikazzjoni.

Kapitolu 5

Kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira

Artikolu 21
Kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira

1. Ammont massimu ta' EUR 14 196 miljun (fi prezzijiet tal-2018) għandu jkun disponibbli mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perjodu 2021 sal-2027 għal proġetti fuq skala kbira skont [ir-Regolament XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - *il-Programm Spazjali*]²⁰.
2. Ammont massimu ta' EUR 5 406 miljun (fi prezzijiet tal-2018) għandu jkun disponibbli għall-proġett Internazzjonali tar-Reattur Esperimentali Termonukleari (International Thermonuclear Experimental Reactor, ITER) mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027.

²⁰ ĠU C, ..., p. .

Kapitolu 6

Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Artikolu 22

Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (“l-istituzzjonijiet”) għandhom jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw il-proċedura baġitarja annwali.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkooperaw b’rieda tajba matul il-proċedura bil-ħsieb li jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom, fl-istadji kollha tal-proċedura, jikkooperaw permezz ta’ kuntatti interistituzzjonali xierqa sabiex isegwu l-progress tax-xogħol u janalizzaw il-grad ta’ konverġenza.

L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-kalendarji tax-xogħol rispettivi tagħhom ikunu kkoordinati kemm jista’ jkun sabiex il-proċedimenti jkunu jistgħu jitwettqu b’mod koerenti u konverġenti, u li jwasslu għall-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Jistgħu jiġu organizzati trilogi f’kull stadju tal-proċedura u f’livelli differenti tar-rappreżentazzjoni, skont in-natura tad-diskussjonijiet mistennija. Kull istituzzjoni, f’konformità mar-regoli ta’ proċedura tagħha stess, għandha taħtar il-parteċipanti tagħha għal kull laqgħa, tiddefinixxi l-mandat tagħha għan-negozjati u tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra bl-arranġamenti għal-laqgħat fi żmien adegwat.

Artikolu 23

Unità tal-baġit

L-infiq u d-dħul kollu tal-Unjoni u l-Euratom għandhom jiġu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu [7] tar-Regolament Finanzjarju, inkluża n-nefqa li tirriżulta minn kull deċiżjoni rilevanti meħuda b’mod unanimu mill-Kunsill wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, fil-qafas tal-Artikolu 332 TFUE.

Kapitolu 7

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 24

Tranżizzjoni lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss

Qabel l-1 ta’ Lulju 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President